## 9 ta' April, 1954

Imħallfin :
Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President ;*
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D. ;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Francesco Cheteuti *versus* Perit Carmelo Micallef ne. et.

**"Land Arbitration Board" — Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi — Appell — Kompetenza — Danni — Art. 6 ta' l-Ordinanza XXXVI tal-1946 — Att XV tal-1952.**

*Bl-emendi introdotti bl-Att XV ta' l-1952 lill-art. 6 ta' l-Ordinanza XXXVI ta' l-1946, relativa għall-Ħatt u Tbattil, ġie mogħti appell lil Land Arbitration Board minn deċiżjonijiet mogħtija mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, meta dan ikun ta ordni skond l-art. 2 ta' dik l-Ordinanza dwar xogħlijiet addizzjonali jew ippjantar mill-ġdid li dak l-uffiċjal jirritjeni raġjonevolment meħtieġa fir-rikostruzzjoni ta' bini.*

*Dawk l-emendi, però, ma humiex applikabili għall-każijiet fejn ordni simili jkun ġie mogħti taħt il-Liġijiet tal-Pulizija jew mhux taħt l-art. 2 ta' l-imsemmija Ordinanza; u l-proċedura ġdida introdotta b'dawk l-emendi ma tapplikax f'dawk il-każijiet.*

*Għaldaqstant, biex jistabbilixxi l-kumpens dovut għal danni sofferti miċ-ċittadin fir-rikostruzzjoni ta' bini tiegħu minħabba ordni mogħti mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi mhux taħt l-art. 2 ta' l-imsemmija Ordinanza baqa' kompetenti t-tribunal ordinarju, u mhux il-Land Arbitration Board; u dan indipendentement minn kull kwistjoni ta' dritt kweżit jew ta' retroattività.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, peress illi, in eżekuzzjoni tal-fa-

koltajiet mogħtija mil-liġi lill-konvenuti, l-instanti ġie infurmat illi ma setgħax jibni l-fondi nri. 11 u 12 Old Mill Street, Mosta, fejn kienu, iżda kellu jibnihom iżjed 'il ġewwa, stante li t-triq kienet sejra tiġi mwessa'; u peress li l-instanti, in konformità tat-tibdil fil-pjan regolatur, bena l-fond tiegħu, li kien ġie demolit bil-għemil tal-għadu, fil-linja tat-triq kif mibdula; u peress li minħabba dan huwa tilef il-valur ta' l-art lilu meħuda, u kellu jerogа spejjeż żejda għall-kostruzzjoni ta' pedamenti ġodda, u l-area rimanenti naqset fil-valur stante n-nuqqas ta' spazju, u sofra danni oħra li jiġu pruvati; u peress li l-konvenuti ma ħadu l-ebda pass biex jistgħu jsiru l-likwidazzjoni u l-pagament ta' l-ammont dovut lill-instanti, non ostanti li ġew interpellati ġudizzjarjament li jagħmlu dan; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u, jekk hemm bżonn, speċjalment dik tar-responsabilità tal-konvenuti għall-kumpens u danni fuq indikati, u l-provvedimenti kollha neċessarji u konsegwenzjali li huma attinenti għall-każ, talab li jiġi likwidat il-kumpens u danni kollha dovuti mill-konvenuti lill-instanti skond il-liġi għar-raġunijiet fuq imsemmija, anki jekk hemm bżonn b'opra ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Frar 1951, kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dik il-Qorti fit-2 ta' Ottubru 1953, li biha ddikjarat ruħha inkompetenti għall-finijiet tal-liġi, bl-ispejjeż terz għall-attur u żewġ terzi għall-konvenuti nomine; wara li kkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni orali tal-kawża, fit-23 ta' April 1953, id-difensur tal-konvenuti ssottometta li l-Att XV ta' l-1952, u kwindi anki l-Press Notice nru. 2 ta' dik is-sena, saru bi skop ta' utilità publika u għandhom forza retroattiva, b'mod li din il-Qorti mhijiex iżjed kompetenti biex tillikwida l-kumpens mitlub mill-attur;

Illi, dwar dina s-sottomissjoni, il-Qorti tosserva li b'dak l-Att ġiet miżjuda mal-liġi prinċipali relattiva għall-Ħatt u Tbattil (Ordinanza XXXVI ta' l-1946) id-dispożizzjoni ta' l-art. 6, li biha "ix-xogħlijiet addizzjonali jew pjantar mill-ġdid (bħal dawk in kwistjoni) raġjonevolment meħtieġin, jiġu de-

terminati mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u n-nefqa għax-xogħlijiet raġjonevolment meħtieġa għal dan l-iskop, li teċċedi l-ammont tal-kumpens li jitħallas mill-Kummissjoni dwar il-Ħsarat tal-Gwerra, għandha titħallas mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi............"; u kull persuna aggravata b'deċiżjoni bħal dik ta' l-imsemmi Direttur, tista' tappella minnha quddiem il-Board ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet imwaqqaf *bl-art.* 21 ta' l-*Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal* Skopijiet Pubbliċi (Kap. 136), li d-deċiżjoni tiegħu tkun finali;

Illi fl-Att fuq riferit ma hemmx l-hekk imsejħa "klawsola transitorja", u għalhekk jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk, fl-assenza ta' *din il-klawsola*, il-liġi għandhiex tiġi applikata għall-każi introdotti wara l-promulgazzjoni tagħha, jew għandhiex tirretroaġixxi anki għall-każi li kienu jeżistu minn qabel;

Illi ma jistax ikun hemm dubju li si tratta ta' liġi ta' *ordni publiku, li saret fl-interess ġenerali tas-soċjetà*. Hija liġi li ddeterminat proċedura ġdida, irregolat il-ġerarkija ta' l-awtoritajiet publiċi, u, fil-waqt li kkonferiet lid-Direttur tax-Xogħlijiet Publiċi l-poteri fuq miġjuba, ġiet aboliet l-awtorità ta' dina l-*Qorti*;

Issa, skond id-dottrina, "le forme procedurali non possono, per regola generale, formare oggetto di diritto; epperò il modo di continuare una procedura incominciata rimane al solo arbitrio della legge" (Gabba, Retroattività delle Leggi, Vol. IV, paġ. 426). Ta' l-istess fehma hu *Pacifici Mazzoni* :— "Le leggi di procedura, regolando la forma dei giudizi, si applicano immediatamente anche alle azioni dipendenti da diritti acquistati anteriormente, non solo nei giudizi che si promuoveranno *dopo* l'attuazione di dette leggi, ma anche a quelli che allo stesso momento si trovino già in corso" (Istituzioni, Vol I, para. 66, pag. 157, ediz. 1880);

In kwantu, imbagħad, il-liġi in diskussjoni rregolat il-poteri ta' l-Awtoritajiet Publiċi, jgħid magistralment l-imsemmi Gabba :— "E ovvio principio che le nuove leggi debbansi applicare non meno alle procedure già avviate, che a quelle da avviarsi, essendo cosa evidente che le autorità pubbliche sono istituite dallo Stato per ragioni di pubblico interesse, e

*che i privati, lungi dall'aver diritto di procedere piuttosto davanti ad una autorità che ad un'altra, e composta e ordinata in un dato modo anzichè in un altro, debbano riguardare come affatto indifferente ai loro interessi ciò che la legge statuisce su tutti questi punti. Discende propriamente da tale principio che, abolita una qualunque autorità, le procedure debbano essere continuate davanti a quella che vi fu sostituita*'' (op. u vol. ċit., paġ. 432-433);

Illi għalhekk, biex liġi simili ma tkunx retroattiva, jeħtieġ li jkun hemm dispożizzjoni espressa fl-istess liġi; kif sar preċiżament fl-art. 7 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 327 tat-13 ta' Lulju 1945, *li biha ġew sottratti għall-effetti ta' dik il-liġi* dawk il-każi biss li kienu gà ''finally adjudicated upon by any Court or Board''; mentri l-oħrajn li kienu għadhom pendenti, jew mhux deċiżi b'sentenza irrevokabili, ġew assoġġettati għal-liġi l-ġdida;

Illi f'dan is-sens ukoll hija l-interpretazzjoni l-aktar reċenti tal-Qrati tagħna, bażata fuq l-awtorità tal-Gabba (Kollez. XXX — I — 57);

Illi, taħt dawn iċ-ċirkustanzi, in forza ta' l-Att XV ta' l-1952, il-Qorti tinsab eżawtorata, u ma tistax tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Illi, rigward il-kap ta' l-ispejjeż, jeħtieġ li dawn jiġu moderati, peress li, jekk minn naħa tagħhom il-konvenuti ssollevaw l-eċċezzjoni wara li l-proċess kien pjenament istruwit, l-attur però kien jaf, jew kien imissu jkun jaf, bl-eżistenza tal-liġi l-ġdida;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata in kwantu dik il-Qorti ddikjarat ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża u kkundannat lill-attur iħallas terza parti tal-ispejjeż ġudizzjarji, u tiġi konfermata għall-kumplament, u għalhekk jiġi dikjarat li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija kompetenti skond il-liġi f'din il-kawża, u jiġu mogħtija l-provvedimenti xierqa għall-kontinwazzjoni u deċiżjoni tal-kawża fil-meritu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mid-dokument eżibit *fil-fol.* 35 tal-proċess, l-appellant fit-12 ta' Awwissu 1948 informa lid-Dipartiment tax-*Xogħolijiet* Pubbliċi li kellu ħsieb "to reconstruct the front wall *of his property* at 11/13, Mill Street, Mosta,", u *b'ittra* tad-9 ta' Settembru 1948 id-Direttur ta' l-imsemmi Dipartiment infurmah li l-Gvern "has ordered that the new wall be constructed within the line shown in red on the plan hereunder". L-appellant bena l-fond tiegħu in konformità ma' dak l-ordni; u peress li, mħabba f'hekk, tilef il-valur ta' l-art lilu meħuda, u kellu jagħmel spejjeż żejda għall-kostruzzjoni ta' pedamenti ġodda, u l-area rimanenti tilfet mill-valur minħabba nnuqqas ta' spazju, ġieb il-quddiem din il-kawża, fejn talab il-likwidazzjoni tal-kumpens lilu dovut għar-raġunijiet fuq imsemmijin. Fil-kors ta' din l-kawża, u preċiżament fis-16 ta' April 1952, ġie promulgat l-Att nru. XV tal-1952, emendanti l-Ordinanza nru. XXXVI tal-1946, u mħabba d-dispożizzjonijiet hemm kontenuti l-Ewwel Qorti deħrilha li ma kienetx iżjed kompetenti biex tillikwida l-kumpens mitlub mill-attur;

Ikkunsidrat;

Illi bl-emenda apportata bl-Att nru. XV tal-1952 lill-art. 6 ta' l-Ordinanza nru. XXXVI tal-1946, ġie mogħti d-dritt ta' l-appell quddiem il-Land Arbitration Board mid-deċiżjoni tad-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi, meta l-ordni jkun ġie minnu mogħti skond l-art. 2 ta' l-imsemmija Ordinanza. Fil-każ in eżami, l-ordni tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi (fol. 35) ġie mogħti taħt l-art. 4 u 5 tal-LL. tal-Pulizija, u ma seta' qatt ġie mogħti taħt l-art. 2 tal-Ordinanza nru. XXXVI tal-1946; għaliex fis-sena 1948, meta ġie mogħti dak l-ordni, dik id-dispożizzjoni tal-liġi kellha l-limitazzjoni stabbilita mix-"schedule" hemm imsemmija, li ma kienetx tawtorizza lid-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi joħroġ ordnijiet simili għall-Area tal-Mosta, fejn jinsab il-bini *msemmi fl-att* taċ-ċitazzjoni. Wara l-ħruġ ta' l-imsemmi ordni (fol. 35) l-appellant, kif ingħad fuq, ta bidu għax-xogħolijiet ta' rikostruzzjoni, u uniforma ruħu ma' dak li bl-istess ordni ġie lilu ngħunt; u l-bini kollu kien ilu żmien twat

meta ġie promulgat l-imsemmi Att nru. XV tal-1952, li bih ġiet kreata proċedura ġdida li għandha tiġi segwita "qabel" ma jsiru x-xogħolijiet hemm kontemplati, kif jidher ukoll mill-Press Notice No. 2 tal-1952 (fol. 100). L-emendi li saru bl-Att nru. XV tal-1952 ma setgħux ikunu applikabili għall-każ in eżami; tant għaliex, kif ġa fuq ġie rilevat, l-ordni fuq imsemmi tad-Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi ma ġiex, u ma setgħax jiġi, maħruġ taħt l-art. 2 ta' l-Ordinanza XXXVI tal-1946, kemm minħabba l-impossibilità ta' l-applikazzjoni tal-proċedura l-ġdida bl-istess emendi introdotta; u dan apparti raġunijiet oħra, bħal dawk tad-dritt kweżit akkampat mill-appellanti u tar-retroattività ta' l-imsemmija emendi żvolt fis-sentenza appellata, li din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa l-każ li jiġu diskussi u riżolti;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża, kif espressament dispost fl-imsemmi art. 5 tal-Liġijiet tal-Pulizija;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine. U tordna li l-atti jiġu rinvijati lil dik il-Qorti għat-trattazzjoni u definizzjoni tal-meritu.